MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 39/2018

Il-Ġimgħa 3 ta’ Lulju 2018

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-6.00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

ASSENTI:
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

## 39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

39.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li d-Deputat *Chairperson* is-Sur Frank Fenech u l-membru s-Sur Simon Salomone Reynaud kienu skużati. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

39.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 38/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

39.2.2 Iċ-*Chairperson* talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

39.2.3 Iċ-*Chairperson* talbet għall-korrezzjoni fil-minuti 38.5.8 fejn qalet li l-ilment kien jitratta l-iskips u li dawn saru mill-Kumitat u mhux mill-Ministeru għal Għawdex.

39.2.4 Iċ-*Chairperson* talbet għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 39.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

39.3.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat Amministrattiv dwar nuqqas ta' dawl fi Triq id-Duluri wara li kien hemm xi lmenti biex jiżdied fanal dekorattiv. Il-Kumitat qabel li jittieħed parir mingħand l-Inġinier Mario Galea jekk hux possible jiżdied il-voltaġġ tal-bozza minflok.

39.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li hemm periklu fi Triq Santa Marija faċċata ta' Triq is-Salini minħabba r-*railing* eżistenti li m'għadux f'kundizzjoni tajba. Ġie deċiż mill-Kumitat li ssir talba biex jingħalaq l-aċċess mill-Pulizija għal din il-parti sakemm isir *railing* ġdid. Dan ir-

*railing* ser isir mill-Kumitat bil-fondi tal-UIF u l-Kumitat qed jistenna l-istima tal-Perit biex ikun jista' japplika għal dawn il-fondi.

39.3.3 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat dwar il-bżonn li jinbidel ir-*railing* tal-promenade tal-Qbajjar ta' fuq il-latrina. Dan ir-*railing* kellu jitkompla mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kumitat qabel li tintbagħat email lill-Ministeru għal Għawdex dwar dan.

39.3.4 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat dwar laqgħa li kellha ssir mal-Kumitat tar-ristoranti ta' Marsalforn illum fis-6.00 ta' filgħaxija wara talba tagħhom stess. Għal din il-laqgħa ma ġie ħadd.

39.3.5 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat dwar il-problema ta' diversi permessi tal-makkinarji li qed jintalbu mill-Kunsill biex jingħalqu toroq f'Marsalforn. Wara diskussjoni ġie deċiż li fi tmiem il-ġimgħa jiġifieri il-Ġimgħa u s-Sibt ma jsir l-ebda permess li jagħlaq toroq f'Marsalforn biex nevitaw kull konġestjoni possibli tat-traffiku fl-aqwa tal-istaġun.

## 39.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

39.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kumitat jekk kienx irċieva spjegazzjoni dwar l-approvazzjoni minn Trasport Malta ta' talba, li qatt ma kienet saret mill-Kumitat, biex isiru xi sinjali sofor fi Triq tan-Naħla. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fuq dan ma rċevejna xejn lura mingħand Trasport Malta. Il-Kumitat qabel li dawn is-sinjali jinżebgħu suwed.

39.4.2 Is-Sindku staqsa dwar il-permessi tad-divertiment f'Marsalforn u spjega li l-Kunsill qed jagħti l-permessi skont il-kundizzjonijiet tal-Pulizija wara li jibagħtulna li ma jsibux oġġezzjoni.

39.4.3 Is-Sindku informa lill-Kumitat li wara li l-Kunsill irċieva talba mill-Ministeru għal Għawdex biex isir suġġeriment għal toroq biex possibilment isiru bit-*tarmac*, il-Kunsill bagħat għal Triq Għajn Mhelhel li miż-Żebbuġ tagħti għal Marsalforn u għal Triq Santa Marija.

39.4.4 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar min hu preżentament il-kennies ta' Triq Santa Marija, dan għaliex qed jiknes u jitfa' l-knis fuq it-tinda ta' *Otters Restaurant* minflok jiġbor il-knis. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dik it-triq ma tinkinisx mill-ħaddiema tal-Kunsill iżda mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex u li l-Kunsill avża lis-*supervisor* ta' Marsalforn

dwar dan.

39.4.5 Is-Sinjura Sandra Grech għamlet talba sabiex jimtlew xi ħofor bil-*concrete* fil-passaġġ ta' ħdejn l-*Otters Restaurant* u jsiru xi listi tal-injam biex ma jkunx jiżloq il-blat f'dawk l-inħawi. Qalet ukoll li dik il-ħofra ħdejn *Galea Supermarket* li dejjem tkun mimlija bl-ilma għandha tiġi mimlija bil-*concrete*. Kien hemm qbil dwar dan

39.4.6 Is-Sur Martin Cefai ressaq suġġeriment sabiex f'Marsalforn terġa' tinbagħat karta bieb bieb bl-informazzjoni dwar l-iskeda tal-ġbir tal-iskart bil-ħinijiet. Kien hemm qbil dwar dan. Saret ukoll mistoqsija dwar it-tieni ġabra tal-borża s-sewda ta' kuljum fix-xhur tas-Sajf li l-Ministeru għal Għawdex kien jiffinanzja. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bagħat *email* iżda baqa' bla risposta.

## 39.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa;

39.5.1 Ilment KAM 21/2018 – M. Pace

Jilmenta biex id-double yellow lines fi Triq il-Qbajjar jitkomplew jinżebgħu sal-kantuniera ta' Triq Ulisse minħabba konġestjoni ta' traffiku.

Iċ-*Chairperson* iddikjarat kunflitt ta' interess peress li dawn jinsabu quddiem propjeta' tal-familja tagħha u rtirat mill-kamra.

Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Justyne Caruana dwar dan fejn talbet biex dan l-ilment jitressaq quddiem il-Kunsill Lokali minflokk quddiem il-Kumitat Amministrattiv. Is-Sindku qal li ser jieħu parir minigħand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali jekk dan hux possibli u għalfejn dan l-ilment ma jitressaqx waqt laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv la darba ċ-*Chairperson* tirtira mil-laqgħa. Is-Sinjura Sandra Grech saħqet li taqbel li jsiru d-*double yellow lines* minħabba l-konġestjoni tat-traffiku f'dik it-triq, filwaqt li s-Sur Martin Cefai qal li spazzju biex jinħatt ix-xogħol għal ġo dik il-lukanda u għar-ristorant għandu jkun provdut bħalma huwa provdut lir-ristoranti l-oħra f'Marsalforn. Is-Sindku qal li ser jieħu parir dwar dan l-ilment u filkas jersaq f'laqgħa oħra tal-Kumitat Amministrattiv meta jkun hemm kworum la darba ċ-*Chairperson* tirtira mill-kamra għal dan l-ilment. Iċ-*Chairperson* ġiet mgħajta terġa' tidħol fil-kamra mill-membri biex titkompla l-laqgħa.

39.5.2 Ilment KAM 22/2018 – J. Vella

Jilmenta li qed jinżamm ħafna ħmieġ minn Pierre's Restaurant 'il ġewwa u hemm żewġ bankijiet flokk jintużaw mill-pubbliku qed ikun hemm imbarazz tas-sajjieda. Il-membri qabblu biex il-Kunsill javża lill-Gwardjani Lokali jew lill-Pulizija dwar dan.

39.5.3 Ilment KAM 23/2018 – D. Warrington

Jilmenta li jkun jistad fuq il-moll tal-port u jara klieb jiġru bla ċinga fuq ir-ramel. Jitlob li ssir tabella: No dogs allowed on the sand. Il-membri qabblu ma dan is-suġġeriment biex isiru żewġ tabelli waħda faċċata tal-għassa u oħra n-naħħa l-oħra tal-bajja.

39.5.4 Ilment KAM 24/2018 – G. Cefai

Tilmenta li hemm bżonn isiru *double yellow lines* urġenti quddiem il-bieb tal-intrata tal-indirizz peress li ma tkunx tista' tidħol biċ-ċilindru tal-ossiġnu. Kien hemm qbil li jsiru quddiem il-bieb tal-intrata biss.

39.5.5 Ilment KAM 25/2018 – Insp. Spiteri

Jitlob biex it-tabelli tan-*no entry* li jagħtu għal ġo Triq il-Port f'Marsalforn jinbidlu għal *Pedestrian Zone*. Dan sabiex il-Pulizija jkollu bażi fuq hiex iħarrek lil dawk il-karozzi li jkunu diġa f'din iż-żona qabel il-ħin u jgħaddu minn din it-triq x'ħin tkun magħluqa. Kien hemm qbil mill-membri li jinbidlu iżda l-ewwel ninfurmaw lill-Ministeru għal Għawdex peress li kienu saru minnhom.

39.5.6 Ilment KAM 26/2018 – J. Borg

Jilmenta biex jitneħħa l-iskart u dak l-ispazzju tal-*bring-in sites* fil-Qbajjar la darba mhux ser jerġgħu jsiru. Iċ-*Chairperson* għamlet suġġeriment sabiex issir talba biex tiġi nstallata *bus shelter* f'dak l-ispazzju u t-tabella tal-*bus stop* titmexxa ftit metri biex tiġi ħdejn dan l-ispazzju.

39.5.7 Ilment KAM 27/2018 – D. Cordina

- Jitlob biex issir mera ġdida minn Triq is-Sajjied għal Triq ix-Xagħra. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.
- Titranġa mera miksura fi Triq Għar Qawqla. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.
- Jitranġa ħajt imwaqqa' fi Triq il-Qbajjar fejn id-dar ta' Rafel qabel Triq il-Merżuq. Il-membri qabblu li ssir talba lill-Ministeru għal

Għawdex sabiex jitranġa dan il-ħajt.

- Jilmenta biex jitranġa d-dawl tal-*promenade* fi Triq il-Wied. Iċ-*Chairperson* qalet li dan id-dawl diġa' irrapurtat.

39.5.8 Ilment KAM 28/2018 – C. Pace
Ilment irtirat mir-residenta stess qabel il-laqgħa.

39.5.9 Ilment KAM 29/2018 – V. Mizzi
Titlob biex isir double yellow lines matul il-bankina tagħha. Kien hemm qbil mill-membri preżenti biex isiru.

39.5.10 Ilment KAM 30/2018 – G. Doyle
Jitlob biex jiżdiedu l-*bins* fil-parti ta' wara l-*bus shelter* fi Triq il-Munġbell wara Smiley's Restaurant. Il-membri ma qablux li jsiru dawn il-*bins* peress li dik iż-żona qiegħda tintuża minn stabbiliment privat minflokk żona pubblika biex titgawda minn kulħadd.

39.5.11 Ilment KAM 31/2018 – L. Agius
Jilmenta biex titranġa l-bankina eżistenti tal-indirizz imsemmi peress li qed iżomml-ilma u qed jidħol ġewwa. Il-membri prezenti qabblu li dan ix-xogħol isir u jitniżżel fil-lista ta' bankini pendenti li jrid isir xogħol fuqhom.

39.5.12 Is-Sindku informa lill-Kumitat li irċieva korrispondenza mingħand is-Sinjura Josephine sabiex il-Kunsill jorganizza attivita' f'Marsalforn fejn matulha is-Sur Bjorn ta' ALS Malta jiġbor xi donazzjonijiet għal din l-għaqda voluntarja. Is-Sindku qal li fassal programm biex il-Kumitat u l-Kunsill ma jidħlux fi spejjes u kien ser iressqu fuq il-mejda għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-membri. Hawn is-Sinjura Sandra Grech wieġbet li hi diġa' taf dwar kollox u oġġezzjonat għal fatt li s-Sindku avviċina lil terzi qabel ikkonsulta mal-membri. Is-Sindku qal li hu ma ħareġ l-ebda reklam dwar din l-attivita' u hu bħala Sindku kullma għamel hu li fassal programm biex iressqu għad-diskussjoni u għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-lum.

Wara dan il-kumment tas-Sindku, is-Sinjura Sandra Grech irtirat mil-laqgħa u din l-attivita' ma setgħetx titressaq għall-approvazzjoni tal-membri minħabba nuqqas ta' kworum.

Minħabba nuqqas ta’ kworum il-korrispondenza li kien għad baqa’ ma inqratx peress li l-laqgħa ma setgħetx titkompla.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-7.30 ta’ filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 7 t’ Awwissu 2018 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 7 t’ Awissu 2018.

*Iffirmata*
Marija Saliba
*Chairperson*

*Iffirmata*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv